KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 12

It-tnax il laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet il-Ħamis 26 ta' Settembru 2013 fis-6.35pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar | Kunsillier |
| | Antoinette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistant Principal |
| **ASSENTI** | Nicolai Gauci | Kunsillier |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Materji konnessi mal-Minuti*
3. *Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet*
4. *Rapporti mill-Kumitati u Sotto Kumitati*
5. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
6. *Aġġornament*

*Qabel il-laqgħa ġie iccarat li għal laqgħat tas-sotto kumitat kull Kunsillier jista jkun preżenti iżda jipparteċipaw biss dawk tal-kumitat konċernat.*

Kien hemm qbil li ssir sospensjoni tas-seduta biex jiġi diskuss it-tender dwar is-servizz ta' *contracts manager.*

## 4. RAPPORTI MILL-KUMITATI U SOTTO KUMITATI

4.1 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti dwar kif ġew diskussi l-offerti fejn il-Bord qed jirrakomanda li tintgħażel l-irħas offerta. *Tender – Contracts Manager*

4.2 Kien hemm diskussjoni dwar kif l-irħas applikant u t-tieni l-irħas applikant, iddeskrivew kif se jqassmu l-erbgħin siegħa xogħol fil-ġimgħa kif intallab mill-Kunsill.

4.3 Is-Sindku informa bir-rati li li offrew l-applikanti:
Il-Perit Stephen Farrugia (MPCD) - Ewro 9500 (l-irħas)
Mr Anthony Mallia - Ewro 14,400 (It-tieni l-irħas)

4.4 Is-Sindku spjega kif il-Kunsill induna li l-kumpanija MPCD jagħmlu xogħol ta' perizja, iżda waqt l-*interview* MPCD fehmu li dan huwa xogħol ta' *contracts manager* u l-perit Farrugia informa li se jkun qiegħed jiddelega dan ix-xogħol lil impjegat fil-kumpanija. Il-Kunsilliera L. Cassar qalet li din m'għandiex garanzija li se jagħmlu l-erbgħin siegħa kif mitlub mill-Kunsill.

4.5 Il-Kunsill ġie infurmat li dan se jtina servizz ta' tlett darbiet f'ġimgħa fl-uffiċċju u fil-lokal, u jkompli ix-xogħol min gewwa l-ufficju tiegħu. Il-Kunsilliera L. Cassar qalet li ma tħossx li se jkun qiegħed jagħti l-erbgħin siegħa u ma qablitx mal-fatt li jiddeċiedi hu kemm għadna bżonn aħna. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li l-perit min-naħa l-oħra qal ukoll li jekk ikun hemm bżonn ta' ħamest' ijiem jista jagħmel ukoll. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li jkun aħjar li jkun aktar preżenti waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju wkoll.

4.6 Il-Kunsilliera L. Cassar saqsiet jekk dan se jagħmel l-erbgħin siegħa xogħol, u jekk jagħmel għoxrin siegħa xogħol aktar dan min se jħallsu? Il-Kunsilliera L. Cassar qalet li hi ma tittolerax li tiġi interpretata minn ħaddieħor li qegħda xxeqleb lejn it-tieni *bidder*. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li dan kien onest u informana waqt l-interview bil-mod kif bi hsiebu jaħdem dan il-kuntratt. Qal ukoll li diskussjonijiet li jsiru fil-bord ma għandhomx jigu zvelati lil xi *bidder*. Il-Kunsilliera M. Aquilina qablet u seħħet l-importanza li dak li jiġi diskuss fil-Kumitati jibqa kunfidenzjali sal-laqgħa tal-Kunsill.

4.7 Il-Kunsilliera L. Cassar qalet li l-iktar importanti li jsir ix-xogħol u mhux min jeħoda. Fuq dan il-punt sostniet li fil-futur jekk terġa ma taqbilx mal-kumplament tal-membri tal-bord ta' min għandu jieħu t-tender partikolari, ma jfissirx li tkun qegħda ixxeqqleb lejn wieħed jew ieħor. Qalet ukoll li dak li se jiġi delgat dan ix-xogħol jidher ta l-affari tiegħu u tispera li dan ikun flessibbli għall-esiġenzi tal-Kunsill speċjalment li jkun ta' għajnuna lis-Segretarju Eżekuttiv u lill-Kunsill.

4.8 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li anke jekk jagħmel ftit sigħat mill-uffiċċju tiegħu dwar ix-xogħol tagħna xorta nafu kif qiegħed jaħdem. P Radmilli qal li t-tender ma jispecifikax li s-servizz għandu jinghata mill-ufficju tal-Kunsill.

4.9 Is-Sindku qal li l-applikant qal kif jista joffri s-servizz tiegħu imbagħad jiddeċiedi l-Kunsill jaċċettax jew le.

4.10 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega d-differenza bejn xogħol ta' impjegat u xogħol kuntrattwali. It-tender tgħid massimu ta' erbgħin siegħa. Huwa importanti li dan jimxi wkoll mal-*ispecifications* li ħareġ il-Kunsill li ħafna minnhom bilfors irid ikun f'Tas-Sliema biex ikun jista jimxi magħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar ukoll li fil-kuntratt hemm *probation period.*

4.11 Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li jista jkollna problema jekk ma mmorrux għall-irħas. Il-Kunsillier M. Briguglio qabel ma dan filwaqt li l-Kunsillier P. Portelli qal li nistgħu neħlu fl-appell.

*Il-Kunsillier P. Portelli ġie skużat li jitlaq mis-seduta fis-19.07pm*

4.12 Il-Kunsilliera L. Cassar qalet li s-Segretarju Eżekuttiv għandu bżonn lil xi ħadd li jgħinu u li l-Kunsill irid jara li jkun moqdi jkun min ikun. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li filfatt ix-xogħol li se jingħata jinkludi laqgħat regolari mal-kuntratturi tas-servizzi tagħna.

4.13 Is-Sindku ippropona lill Perit Stephen Farrgua ab bażi ta' l-orħos offerta. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti.

*Il-Kunsilliera L. Cassar ġiet skużata li titlaq fis-7.16pm*

4.14 Kif is-seduta kienet diġa ġiet sospiża, waqt il-laqgħa daħlu familjari ta' Tony Nichol dwar monument li jixtiequ li jitpoġġa f'Tas-Sliema f'ġieħ Tony Nichol. *Monument Tony Nichol*

4.15 Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li wieħed irid jagħmel riċerki bħal jekk hemmx fondi etc. Is-Sindku qal li l-Kunsill huwa favur li jsir u se jibda jindaga dwar il-proċedura ħalli jkun jista jimxi. Għal dan il-għan twaqqaf bord li se jkun magħmul mis-Sindku u mil-Kunsilliera M. Aquilina u V. Galea Pace.

*Is-seduta kompliet bl-agenda fis-7.30pm*

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 11_26/08/2013 għall-approvazzjoni.

1.2 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-punt 4.13 dwar it-*Traffic Managment* fi Triq Amery ma Borg Olivier. Il-Kunsillier Radmilli talab għall-korezzjoni għaliex hu kien qal li hu ma kienx qal li għandu riservi għal Triq Rudolph izda għandu riservi għal Triq il-Kbira.

1.3 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-punt 6.2 fejn kien issuġġerixxa li jistgħu jitpoġġu karikaturi 'life size' biex ngħaddu messaġġ dwar l-indafa fil-lokal.

1.4 M Aquilina qalet li għanda issir korrezzjoni f'punt 4.12, fejn il-minuta għanda tibda 'Is-Sindku u M Aquilina irriferew...'.

1.5 Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni għall-minuti tas-seduta 11_2/09/2013 (Suġġerimenti). Is-Sindku ippropona l-approvazjoni tal-minuti tas-seduti 11_26-09-2013 u 11_2/09/2013. Il-Kunsillier J. Pillow issekonda. Kien hemm *Approvazzjoni tal-minuti*

qbil għall-approvazzjoni fost il-Kunsilliera preżenti. Il-Minuti gew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv.

## 2. MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI

2.1 Il-Kunsilliera M. Aquilina saqsiet dwar is-sitwazzjoni tal-Berga għaliex għada ma nfetħitx.

2.2 Il-Kunsillier P. Radmilli irefera għall-punt 2.1 dwar it-turf fi Ġnien Qui Si Sana. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil ELC għadhom ma bagħtux l-istima ta' x'jista isir minflok it-*turf*. *Turf fi Qui Si Sana*

2.3 Il-Kunsillier M. Briguglio irrfera dwar il-*bricks* li kellu jitneħħa mid-divers. Il-Kunsilliera V. Galea Pace qalet li hemm aktar prioritajiet minn dan ix-xogħol. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li diġa kien hem qbil li għandu jsir dan it-tindif. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti li għandu jsir ix-xogħol matul il-kosta tas-Sliema bin-nefqa ta' mhux aktar minn Ewro 1,000 u f'każ li l-ispiża tkun għola, it-talba tkun trid terġa titressaq Kunsill. *Tindif ta' brick mil-baħar*

2.4 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa jekk id-divers li se jagħmlu dan ix-xogħol jistgħux jagħmlu parti minnha bħala *sponsorship* għaliex dan se jkun ta' beneffiċċju wkoll għall-għaddasa li taħt il-baħar ikun imnaddaf mil-bricks. Kien hemm qbil dwar dan u l-Kunsil għandi jiddiskutiha mal-kumpanija tal-għaddasa.

2.5 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-punt 3.5 dwar iż-żebgħa għall-marki tat-toroq u għax ilhom biex jagħmlu xogħol madwar tlett ġimgħat. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li jaf li l-kumpanija Koptasin irreżenjalhom xi tlett impjegati. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jiltaqa mal-Koptasin. *Marki fit-toroq*

2.6 Il-Kunsillier M. Briguglio ippropona li għandu jsir *line marking* ta' limitu ta' velocita ta' 20km ieħor fi Triq il-Kulleġġ l-Antik ma' Depiro. Kien hemm qbil dwar dan.

2.7 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li saqsa lil Comtec dwar is-sitwazzjoni tal-ħamiem u ġie infurmat li dawn m'għamlux ix-xogħol kif ġie mitlub mil-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv informa wkoll li l-ġaġeġ ilhom hawn fil-Kunsill.

2.8 Il-Kunsill P. Radmilli irrefera għall-RPS u informa li se jkun hemm kumitat mwaqqaf mill-AKL li se jkollna rappreżantazzjoni mis-Sindku. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li jekk dan il-kumitat ma jsarraf f'xejn il-Kunsill għandu jieħu l-inizjattiva inlaqgħu Kunsilli oħra li qegħdin fl-istess sitwazzjoni. Is-Sindku informa li meta tlabna laqgħa mal-Ministru Mizzi id-data li tagħna ma kienx disponibli is-Sindku u minflok mar il-Viċi Sindku. F'din il-laqgha inghata biss dettalji tar-rottot godda tal-Arriva. *RPZ*

2.9 Il-Kunsilliera M. Aquilina irreferiet għall-iskart li qiegħed jinġabar madwar il-*bring in sites* li hemm fi Triq Manwel Dimech (taħt il-bridge). Il-Viċi Sindku ippropona li ssir tabella fejn tgħid li hemm *camera*. Kien hemm qbil ukoll li ssir tabella fejn tgħid 'No Dumping'. Kien hemm qbil ukoll li jitpoġġa gwardjan pajżan għal sagħtejn kuljum. *Bring in sites fi Triq Manwel Dimech (taħt il-bridge)*

2.10 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa kif għadhom ma sarux numru ta' *zebra crossings*. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-ordni ħarġet biex issir u hemm dewmien min-naħa tal-kuntrattur..

2.11 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-*Bid Bonds* tat-tender dwar il-bins għalqu. Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa jekk terġa toħroġ nistgħux ninkludu bins għas-sigaretti għal fuq il-beaches. Kien hemm qbil iżda filkaż toħroġ b'mod *optional* u mhux li bidder ikun irid japplika għat-tnejn bilfors. *Tender tal-bins*

2.12 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li se jkollu laqgħat mal-kuntratturi tad-dawl b'mod regolari biex jara li jżommu l-efficjenza tas-servizz.

2.13 Is-Sindku informa li f'Novembru 2013 il-Kunsill jista jagħżel data biex jippromovi xi attivita tal-Kunsill f'rokna li se jkollu f'Xarabank. Min ikollu xi jgħid xi ħaġa jinfurma lis-Sindku.

## 3. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI TAL-KONTIJIET

3.1 Il-Viċi Sindku saqsa dwar il-pagamenti tal-Mica Med għaliex is-sitwazzjoni baqgħet l-istess. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dawn se jaqgħu f'idejn reġjuni u l-Kunsill ma jistgħax johrog tender gdid għal dan is-servizz.

3.2 Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka li hemm bżonn li jitnaddaf iż-żebgħa mil-promenade fejn it-Torri wara l-attivita tal-SSAF. Il-Kunsillier P. Radmilli talab għar-rapport li kellu jsir wara din l-attivita.

3.3 Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa jistgħux jinżammu l-pagamenti konċernati mal-SSAF, iżda ma kienx hemm qbil għaliex dak li kien għad fadal ma kellux x'jaqsam mat-tindif.

3.4 Kien hemm qbil li l-Kunsill jistaqsi lill-Kunsillier P. Portelli dwar ir-rapport li kellu jsir dwar SSAF.

3.5 Il-Kunsilliera V. Galea Pace saqsiet dwar il-kontijiet tal-*bulky refuse*. Il-Kunsill għandu jitlob rapporti tal-oggetti li jkunu ingabbru kull xahar.

3.6 Il-Kunsilliera M. Aquilina u V. Galea Pace irreferu għall-kont tal-ELC u r-rimirkaw li l-Ġnien Indipendenza mar lura u mhux qiegħed jiġi miżmum bħal qabel. Il-Kunsill għandu jirraporta.

3.7 Ġie nnotat li l-pagament dwar servizzi legali kien minħabba t-tender tal-Appell.

3.8 Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa dwar Ġnien ta' Qui Si Sana. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill ipprepara proposta finanzjara għaż-żamma ta' dan il-Ġnien fejn talab għall-aktar finanzi minħabba li l-Kunsill se jkun qiegħed jingħata l-manutenzjoni f'idejh.

3.9 Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li tajjeb li l-Kunsill talab għall-aktar finanzi u mhux jiżdiedu r-responsabbilitajiet u jitnaqqsu l-finanzi.

3.10 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-numru 66 pagabbli lil Mica Med. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dak kien minħabba li nqata xi cable, u se jkun qiegħed jitlob għal *refund* min MRRA minħabba li l-ħsara kienet fi Triq Bisazza.

3.11 Il-Kunsilliera V. Galea saqsiet dwar il-flyer ta' *Pause for Cause*. Il-Kunsill irrimarka lid an kien diga approvat f'seduta ohra tal-Kunsill.

3.12 Is-Sindku ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Viċi Sindku issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

4. **RAPPORTI MILL-KUMITATI U SOTTO KUMITATI (KONTINWAZZJONI)**

4.16 Is-Sindku qal li l-orħos kuntratt dwar it-tender ta-serivzzi legali kien dak ta' Dr Larry Formosa. Kien hemm qbil li l-kuntratt jingħata lilu b'kundizzjoni li jekk ikun hemm każijiet li jinvolvu aktar esperjenza l-Kunsilli jirriserva d-dritt li jqabbad lil xi ħadd iehor b'aktar b'esperjenza. *Servizz legali*

4.17 Il-Kunsillier P. Radmilli informa li d-*deadline* biex nipparteċipaw għal ERDF u ESF bejn is-16 u l-24 ta' Novembru 2013 hija 18 t'Ottubru, 2013. Is-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillier Radmilli għandhom jiltaqgħu għall-aktar dettal.

4.18 Il-Kunsillier P. Radmilli ippropona li l-Kunsill għadnu jipprepara riklam dwar *Waste Reduction Week.*

5. **SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA**

5.1 Dan l-item ġie pospost għal seduta oħra

6. **AĠĠORNAMENT**

6.1 Il-laqgħa ntemmet fid-9.10 ta' filgħaxija u l-Kunsill aġġorna għal nhar il-Ħamis 17 ta' Ottubru 2013 fis-6pm għas-suġġerimenti mil-Kunsilliera.

Minuti approvati llum 31 / October / 2013

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**